FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.d.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 9 TA' AWISSU 2017

Il-Pulizija
(Spett Maurice Curmi)

Vs

Joseph Vella

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 5648(m) akkuzat talli:

1. f'Awissu 2012 u fix-xhur u s-snin ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ottjena bil-qerq is-segwenti: energija elettrika jew xi stallazzjoni, apparat, strument jew l-accessorji taghhom, provduti mill-Korporazzjoni Enemalta, u il-Compliance Certificate mill-MEPA. ai termini tal-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-istess zmien lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz ai termini tal-Artikoli 188 u 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-istess zmien lok u cirkostanzi, ghamel dikjarazzjoni falza, qarrieqa jew mhux korretta mal-MEPA, ai termini tal-Artikoli 94(1)(e) tal-Kap 54 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. fl-istess zmien lok u cirkostanzi, uza xi energija elettrika jew xi stallazzjoni apparat, strument jew l-accessorji taghhom, provduti mill-Korporazzjoni Enemalta sew direttament jew indirettament, ghal ghanijiet diversi minn dawk li ghalihom kienu provduti, ai termini tal-Artikoli 44 u 46 tal-Kap 272 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-Artikoli 532A, 532B, u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tistema, u tigi deciza sommarjament, mhux opposta;

Semghat ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Illi l-imputat jinsab akkuzat: taht il-Kap 9, ta' truffa aggravata, ta' dikjarazzjoni falza u l-uzu taghha, bi ksur tal-Artikolu 308, 309, 310, 188 u 189; taht il-Kap 504, Artikolu 94(1)(e), talli xjentement ghamel dokument mahsub ghal awtorita' pubblika li kien falz, qarrieqi u mhux korrett; taht l-Att tal-Enemalta, gja Kap 272, fl-Artikoli 44 u 46, talli uza energija elettrika diversament mill-ghan li kienet lilu provduta.

Illi intant il-fatti li taw lok ghal presenti proceduri jikkoncentraw fuq kamra b'ghalqa maghha f'sit maghruf bhala 'Ta' Verdala' limiti Siggiewi li kienet provduta b'dawl elettriku. L-akkuza tallega li l-kamra in kwistjoni giet provduta b'dawl elettriku b'operat u uzu ta' frodi qarrieqa u ingannevoli perpetrat mill-imputat. L-insistenza tal-prosekuzzjoni hi li d-dawl elettriku qatt ma seta' jinghata jekk mhux bl-uzu ta' frodi stante li fuq is-sit, li kien jikkomprendi l-kamra, kien hemm azzjoni tal-infurzar mill-MEPA. Issa, dwar li l-kamra bl-ghalqa maghha hi proprjeta' tal-imputat mhux kontestat, kif ukoll ma jidhirx kontestat u ghandu jirrisulta li l-elettriku kien provdut waqt l- pendenza tal-azzjoni minn naha tal-MEPA.

Illi l-provi fuq daqshekk jibbazaw ruhhom fuq dokumenti supplimentati bix-xhieda. A folio 26 tal-atti hemm d-dikjarazzjoni tal-perit datata 14 ta' Marzu 2006, essenzjali ghal hrug tal-'compliance certificate', dokument sine qua non ghal ipprocessar u eventwali approvazzjoni tal-MEPA fil-konfront ta' kull svilupp. Dan hu segwit b'ittra mill-istess MEPA datata 10 ta' April tal-istess sena indirizzata lill-imputat, liema ittra hija 'Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq', li tindika l-irregolarita' eziztenti, fil-kaz tal-imputat, konsistenti "minn estensjoni fil-gholi tal-boundary wall ezistenti b'madwar tlieta/ erba filati u xatba tal-metall" li saru minghajr d-debita permess mill-MEPA. Dokumenti sussegwenti, kostitwenti l-bazi ghall-azzjoni kontra l-imputat, juru li fid-29 ta' Jannar 2007 dahlet applikazzjoni f'isem l-imputat, li izda ma tirrisultax iffirmata minnu, sabiex tinghata provista tal-elettriku lill-kamra maghrufa bhala 'St Nicholas' fi Triq Lapsi Siggiewi, akkompanjata b'site plan u dikjarazzjoni tal-ufficjal tal-enforcar fil-MEPA certu Reuben Gauci li jirreferi ghad-dikjarazzjoni ta' Perit li tistqarr li l-kamra in-kwistjoni hija antecedenti s-sena 1967. Dan il-fatt tas-sena jaghmel il-kamra automatikament intitolata ghal otteniment tal-provista ta' elettriku.

Illi xehed il-Perit Arkitett li iffirma d-dikjarazzjoni appena riferita u spiega li l-ittra mill-MEPA (folio 49) issir fil-kuntest tal-'compliance certificate' mehmuza ma kull applikazzjoni lill-MEPA, akkompanjata b'pjanti, ritratti u site plan. Spiega wkoll illi mal-applikazzjoni jkun hemm in-numru tal-applikant li sussegwentement jakkompanja lill-ufficjali tal-MEPA fuq is-sit u eventwalment ikun hu li jircevi ic-certifikat relattiv.

Illi l-prosekuzzjoni tikkontendi li dan il-'compliance certificate',li fil-kaz de qua kien indispensabbli sabiex il-kamra tigi provduta bl-elettriku, nhareg fuq dokumentazzjoni falza u qarrieqa principalment stante li l-pjanta kienet turi kamra diversa minn dik tal-imputat, ghalkemm biswit taghha u li verament kienet tipprecedi is-sena 1967, b'daqstant li anke c-certifikat tal-perit presentat mal-applikazzjoni kien qarrieqi fis-sens li ma kienx jirreferi ghall-kamra tal-imputat. Di pju, ssostni l-prosekuzzjoni, l-imputat kien ben konsapevoli tal-fatt li minhabba l-avviz tat-twettiegh u twaqqif tal MEPA l-ebda permess ghal introduzzjoni tad-dawl ma setghet tigi akkolta u wisq anqas approvata.

Illi l-imputat ma jichadtx li d-dawl gie provdut waqt il-pendenza tal-azzjoni tal-MEPA. Jghid pero' li kien ha hsieb kollox certu Emmanuel Spagniol li halsu Lm70 fimkien ma zewg flixken whiskey. Dan jghidu l-imputat u mhux kontradett imkien anka ghaliex dan Spanjol ghazel li ma jixhidtx, dritt tieghu, u mhux biss biex ma jinkriminax lilu innifsu izda anka billi seta' jitqies komplici.

Ikkonsidrat:

Illi apparti l-fatt li l-posizzjoni giet radrizzata anka ghal dak li jikkoncera l-irregolaritajiet riskontrati li kienu jolqtu l-MEPA' hi l-fehma tal-Qorti:

- li l-akkuza li tikkontempla t-truffa difficilment tista' tirrizulta stante li l-artifizzi u raggiri (elementi essenzjali fit-truffa), fuq il-provi li hemm, huwa wisq car, li m'ghamilhomx l-imputat odjern u l-provi juru li ma kienx kompartecipi fihom.
- idem, fir-rigward it-tieni akkuza, li mkien mill-provi in atti ma jirrisulta li l-imputat personalment ghamel xi dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta xi taghrif falz lil awtorita' pubblika jew li kien ghak-konoxxjenza ta' dan;
- li dwar ir-raba akkuza, li tixlih talli uza xi energija elettrika jew xi stallazjoni, apparat, strument jew l-accessorji taghhom provduti mill-Korporazzjoni Enemelta, sew direttament jew indirettament, ghal ghanijiet diversi minn dawk li ghalihom kienu provduti, jinghad, li f'kull kaz din l-akkuza ma hadiex tapplika stante it-thassir tal-Kap 272 (Att dwar Enemalta) li ai termini tieghu kienet harget.
- li fil-konfront tat-tielet akkuza li tixlih li ghamel dikjarazzjoni falza, qarrieqa jew mhux korretta mal-MEPA bi ksur ta' l-Artikolu 94(1)(e) tal-Kap 504 japplika dak li ntqal dwar it-tieni akkuza.

Ghalqastant, tillibera lill-imputat.

A.M.Trigona
Magistrat